31998R1209

11.6.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 166/39

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1209/98

ta' l-10 ta' Ġunju 1998

dwar il-bejgħ, bi prezzijiet iffissati minn qabel, ta' ċanga miżmuma mir-Renju Unit lill-forzi armati

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2634/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi l-introduzzjoni ta' intervent fiċ-ċanga rriżultat f'żieda fil-ħażniet, billi, sabiex jiġi prevenut li l-ħażna tiġi mtawwla eċċesivament, parti minn dawk il-ħażniet għandhom jinbiegħu;

Billi fir-Renju Unit iċ-ċanga ta' interventi hija soġġetta għal restrizzjonijiet tal-moviment kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/256/KE [3]; billi stabbilimenti xierqa għandhom jinstagħabu fi ħdan dak l-Istat Membru; billi l-forzi armati u l-personal assoċjat miegħu jikkostitwixxu stabbiliment minn dawn;

Billi bejgħ lill-forzi armati għandu jkun soġġett għar-regoli li hemm fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2173/79 [4], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2417/95 [5], b'mod partikolari it-Titoli I u III tiegħu, u (KEE) Nru 3002/92 [6], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 770/96 [7], b'mod partikolari t-Titolu II tiegħu, soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet minħabba l-użu partikolari li għalih ser jintużaw il-prodotti in kwistjoni;

Billi, sabiex jiġi assikurat l-immaniġġjar ekonomiku tal-ħażniet, l-aġenzija ta' intervent għandha tagħti prijorità lill-bejgħ tal-laħam li ilu maħżun l-aktar;

Billi għandhom jiġu stipulati disposizzjonijiet sabiex jirregolaw il-każ fejn il-prodotti jinxtraw minn aġent awtorizzat li jaħdem għan-nom tal-benefiċjarji;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kunitat ta' Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-aġenzija ta' intervent tar-Renju Unit għandha tiġi awtorizzata sabiex tbiegħ il-ħażniet ta' ċanga mingħajr għadam li għandha lill-forzi armati tar-Renju Unit għall-użu mill-forzi armati tar-Renju Unit u l-personal tagħhom mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 98/256/KE.

2. L-Informazzjoni dettaljata li tikkonċerna l-prodotti u l-prezz li bih jinbiegħu hija mogħtija fl-Anness I.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament 'personal assoċjati' ifisser dawk il-persuni impjegati mall-forzi armati tar-Renju Unit kariga pajżana, u dawk il-persuni li jżuru stabbilimenti militari.

4. Il-bejgħ għandu jsir b'mod konformi mad-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2173/79, b'mod partikolari t-Titoli I u III tiegħu, u ta' dan ir-Regolament.

5. Għal kull prodott imsemmi fl-Anness I ta' dan, l-aġenzija ta' intervent għandha tbiegħ l-ewwel il-laħam li ilu maħżun l-iżjed.

6. Minkejja t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79, l-applikazzjonijiet għax-xiri m'għandhomx jindikaw f'liema maħżen jew imħażen huwa miżmum il-laħam.

Artikolu 2

1. Ix-xerrej imsemmi fl-Artikolu 1 jista jagħti struzzjonijiet lil aġent bil-kitba sabiex jaċċetta, f'ismu, il-prodotti li xtara. F'dan il-każ, l-aġent għandu jippresenta l-applikazzjoni tax-xiri tax-xerrej li jirrepreżenta flimkien ma' l-istruzzjoni bil-miktub imsemmija hawn fuq.

2. Ix-xerrejja u l-aġenti msemmijin fil-paragrafu preċedenti għandhom imantnu u jżommu aġġornata sistema ta' kontijiet li tippermetti l-ikkunsinnar tal-prodotti lil stabbiliment militari tkun tista tiġi aċċertata bl-iskop partikolarment li jiġi assikurat li l-kwantitajiet ta' prodotti mixtrijin u kkunsinnati jaqblu.

Artikolu 3

1. Il-kaxxi tal-kartun taċ-ċanga rilaxxata skond dan ir-Regolament għandhom ikunu immarkati b'mod ċar b'ittri li ma jitħassrux b'dan li ġej:

"Ċanga ta' intervent mibjugħa lill-forzi armati."

2. L-awtorità kompetenti tista, fuq it-talba tax-xerrej, tawtorizza l-ewwel stadju ta' proċessar u ppakkjar mill-ġdid taċ-ċanga fi stabbiliment li m'huwiex tal-militar, sakemm ix-xogħolijiet rilevanti jsiru taħt sorvelljanza xierqa.

[1] ĠU L 148, 28. 6. 1968, p. 24.
[2] ĠU L 356, 31. 12. 1997, p. 13.
[3] ĠU L 113, 15. 4. 1998, p. 32.
[4] ĠU L 251, 5. 10. 1979, p. 12.
[5] ĠU L 248, 14. 10. 1995, p.39.
[6] ĠU L 301, 17. 10. 1992, p. 17.
[7] ĠU L 104, 27. 4. 1996, p. 13.

F'każi bħal dawn, il-kaxxi li reġgħu ġew ippakkjati għandhom jiġu mmarkati kif imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

1. Il-garanzija li hemm provdut għaliha fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79 għandha tkun EUR 12 għal kull 100 kilogramm.

2. B'żieda għall-ħtiġijiet stipulati fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79, l-ikkunsinnar taċ-ċanga lil stabbiliment militari għandu wkoll jikkostitwixxi ħtieġa prinċipali.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-10 ta' Ġunju, 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjon

ANEXO I — BILAG I — ANHANG I — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ I — ANNEX I — ANNEXE I — ALLEGATO I — BIJLAGE I — ANEXO I — LIITE I — BILAGA I

Estado miembro	Productos (1)	Cantidad aproximada (toneladas)	Precio de venta expresado en euros por tonelada
Medlemsstat	Produkter (1)	Tilnærmet mængde (tons)	Salgspriser i ECU/ton
Mitgliedstaat	Erzeugnisse (1)	Ungefähre Mengen (Tonnen)	Verkaufspreise, ausgedrückt in ECU/Tonne
Κράτος μέλος	Προϊόντα (1)	Κατά προσέγγιση ποσότητα (τόνοι)	Τιμές πώλησης εκφραζόμενες σε Ecu ανά τόνο
Member State	Products (1)	Approximate quantity (tonnes)	Selling prices expressed in ECU per tonne
État membre	Produits (1)	Quantité approximative (tonnes)	Prix de vente exprimés en ecus par tonne
Stato membro	Prodotti (1)	Quantità approssimativa (tonnellate)	Prezzi di vendita espressi in ecu per tonnellata
Lidstaat	Producten (1)	Hoeveelheid bij benadering (ton)	Verkoopprijzen uitgedrukt in ECU per ton
Estado-membro	Produto (1)	Quantidade aproximada (toneladas)	Preço de venda expresso em ecus por tonelada
Jäsenvaltio	Tuotteet (1)	Arvioitu määrä (tonneina)	Myyntihinta ecuina tonnilta
Medlemsstat	Produkter (1)	Ungefärlig kvantitet (ton)	Försäljningspris i ecu per ton

Carne deshuesada — Udbenet kod — Fleisch ohne Knochen — Κρέατα χωρίς κόκαλα — Boneless beef — Viande désossée — Carni senza osso — Vlees zonder been — Carne desossada — Luuton naudanliha — Benfritt kött

UNITED KINGDOM	– Intervention thick flank (INT 12)	95	2 750
	– Intervention topside (INT 13)	265	2 950
	– Intervention silverside (INT 14)	90	2 650
	– Intervention fillet (INT 15)	80	6 600
	– Intervention rump (INT 16)	380	3 250
	– Intervention striploin (INT 17)	270	4 200
	– Intervention forerib (INT 19)	20	1 850

(1) Véanse los anexos V y VII del Reglamento (CEE) no 2456/93 (DO L 225 de 4.9.1993, p. 4), cuya última modificación la constituye el Reglamento (CE) no 2602/97 (DO L 351 de 23.12.1997, p. 20).

(1) Se bilag V og VII til Kommissionens forordning (EØF) nr. 2456/93 (EFT L 225 af 4.9.1993, s. 4), senest ændret ved forordning (EF) nr. 2602/97 (EFT L 351 af 23.12.1997, s. 20).

(1) Vgl. Anhänge V und VII der Verordnung (EWG) Nr. 2456/93 der Kommission (ABl. L 225 vom 4.9.1993, S. 4), zuletzt geändert durch die Verordnung (EG) Nr. 2602/97 (ABl. L 351 vom 23.12.1997, S. 20).

(1) Βλέπε παραρτήματα V και VII του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 2456/93 της Επιτροπής (ΕΕ L 225 της 4.9.1993, σ. 4), όπως τροποποιήθηκε τελευταία από τον κανονισμό (ΕΚ) αριθ. 2602/97 (ΕΕ L 351 της 23.12.1997, σ. 20).

(1) See Annexes V and VII to Commission Regulation (EEC) No 2456/93 (OJ L 225, 4.9.1993, p. 4), as last amended by Regulation (EC) No 2602/97 (OJ L 351, 23.12.1997, p. 20).

(1) Voir annexes V et VII du règlement (CEE) no 2456/93 de la Commission (JO L 225 du 4.9.1993, p. 4). Règlement modifié en dernier lieu par le règlement (CE) no 2602/97 (JO L 351 du 23.12.1997, p. 20).

(1) Cfr. allegati V e VII del regolamento (CEE) n. 2456/93 della Commissione (GU L 225 del 4.9.1993, pag. 4), modificato da ultimo dal regolamento (CE) n. 2602/97 (GU L 351 del 23.12.1997, pag. 20).

(1) Zie de b lagen V en VII van Verordening (EEG) nr. 2456/93 van de Commissie (PB L 225 van 4.9.1993, blz. 4), laatstelijk gewijzigd bij Verordening (EG) nr. 2602/97 (PB L 351 van 23.12.1997, blz. 20).

(1) Ver anexos V e VII do Regulamento (CEE) n.o 2456/93 da Comissão (JO L 225 de 4.9.1993, p. 4). Regulamento com a última redacção que lhe foi dada pelo Regulamento (CE) n.o 2602/97 (JO L 351 de 23.12.1997, p. 20).

(1) Katso komission asetuksen (ETY) N:o 2456/93 (EYVL L 225, 4.9.1993, s. 4), sellaisena kuin se on viimeksi muutettuna asetuksella (EY) N:o 2602/97 (EYVL L 351, 23.12.1997, s. 20) liitteet V ja VII.

(1) Se bilagorna V och VII i kommissionens förordning (EEG) nr 2456/93 (EGT L 225, 4.9.1993, s. 4), senast ändrad genom förordning (EG) nr 2602/97 (EGT L 351, 23.12.1997, s. 20).

ANEXO II — BILAG II — ANHANG II — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ II — ANNEX II — ANNEXE II — ALLEGATO II — BIJLAGE II — ANEXO II — LIITE II — BILAGA II

Direcciones de los organismos de intervención — Interventionsorganernes adresser — Anschriften der Interventionsstellen — Διευθύνσεις των οργανισμών παρεμφάσεως — Addresses of the intervention agencies — Adresses des organismes d'intervention — Indirizzi degli organismi d'intervento — Adressen van de interventiebureaus — Endereços dos organismos de intervenção — Interventioelinten osoitteet — Interventionsorganens adresser

UNITED KINGDOM

Intervention Board Executive Agency
Kings House
33 Kings Road
Reading RG1 3BU
Berkshire
Tel. (01189) 58 36 26
Fax (01189) 56 67 50